# QORTI TAL-APPELL

**IMĦALLFIN**

**S.T.O. PRIM IMĦALLEF MARK CHETCUTI**
**ONOR. IMĦALLEF GIANNINO CARUANA DEMAJO**
**ONOR. IMĦALLEF ANTHONY ELLUL**

**Seduta ta' nhar l-Erbgħa, 26 ta' Ottubru, 2022.**

**Numru 5**

**Rikors maħluf numru 505/2006/1 SM**

**John Attard**
***v.***
**Antonio Grech fil-kwalità tiegħu ta' stralċjarju f'isem il-kumpannija *Sunsea Properties Limited* (C-31492); Marcus Tonna; u *Hera and Laida Limited* (C-30667)**

1. Dan huwa appell tas-soċjetà konvenuta *Sunsea Properties Limited* ["*Sunsea*"] minn sentenza mogħtija mill-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili fis-7 ta' Marzu 2017 illi ikkundannatha trodd lill-attur id-depożitu mħallas minnu lilha akkont tal-prezz ta' bejgħ li ma seħħx. Il-fatti relevanti huma dawn:

2. B'kitba tal-11 ta' Ġunju 2003 *Sunsea* ntrabtet li tbigħ lill-attur, li ntrabat li jixtri mingħandha, l-utli dominju għaż-żmien li fadal ta' immobbli. Dakinhar l-attur ħallas għaxart elef lira ta' Malta (Lm10,000) – illum tlieta u għoxrin

elf, mitejn u tlieta u disgħin ewro u tlieta u sebgħin ċenteżmu (€23,293.73) – akkont tal-prezz tal-bejgħ. L-attur igħid illi l-bejgħ ma seħħx u l-konvenju ma għadux jorbot.

3. Ġara illi b'kuntratt tal-1 ta' Lulju 2004, meta l-konvenju kien għadu jorbot, *Sunsea* biegħet lill-konvenuta *Hera & Laida Limited* ["*H&L*"] l-utli dominju mwiegħed lill-attur, u ċediet lil *H&L* id-drittijiet u l-obbligazzjonijiet tagħha fuq il-konvenju fuq imsemmi.

4. Ġara wkoll illi *Sunsea* ġiet xolta b'riżoluzzjoni straordinarja tat-13 ta' April 2006. Dakinhar ukoll, il-konvenut Marcus Tonna, direttur ta' *Sunsea*, iddikjara illi *Sunsea* tista' tħallas id-djun kollha tagħha fi żmien tnax-il xahar, iżda mir-rendikont illi ppreżenta kontestwalment jidher illi ma tqiesx id-depożitu li għandu jintradd lill-attur. Għalhekk, igħid l-attur, Tonna naqas mill-obbligi tiegħu ta' direttur u għandu jwieġeb personalment għad-dejn tal-kumpannija xolta.

5. L-attur għalhekk fetaħ din il-kawża u talab illi l-qorti:

> »1. tiddikjara li l-validità tal-konvenju tal-11 ta' Ġunju, 2003 skadiet fl-14 ta' Diċembru 2005;
>
> »2. tiddikjara li ċ-ċessjoni tal-obbligi u drittijiet magħmula fil-kuntratt tal-1 ta' Lulju 2004 m'għandha l-ebda effett fil-liġi u ma toħloq l-ebda stat bejn ir-rikorrenti u s-soċjetà intimata *Hera & Laida Limited*;
>
> »3. tikkundanna lis-soċjetà *Sunsea Properties Limited* biex tirrifondi lir-rikorrenti s-somma ta' Lm10,000, somma mħallsa mir-rikorrenti lill-istess soċjetà bħala parti mill-prezz tal-akkwist mertu tal-konvenju tal-11 ta' Ġunju 2003;
>
> »4. tiddikjara li Marcus Tonna hu personalment responsabbli ghal kull ammont dovut lir-rikorrenti mis-soċjetà *Sunsea Properties Limited* u/jew ghad-danni minnu sofferti minħabba l-aġir tal-istess;
>
> »5. tillikwida d-danni li għalihom għandu jinżamm responsabbli l-intimat Tonna personalment fis-somma ta' Lm10,000;

»6 tikkundanna lil Marcus Tonna biex fin-nuqqas li s-soċjetà *Sunsea Properties Limited* tħallas is-somma indikata fit-tielet talba, ikun Tonna li jħallas l-istess somma lir-rikorrenti.«

6. Talab ukoll l-imgħax u l-ispejjeż.

7. L-ewwel qorti ddeċidiet hekk:

»1. takkolji l-ewwel, it-tieni, u t-tielet talbiet tar-rikorrenti;

»2. tirrespingi r-raba', l-ħames, u s-sitt talbiet tal-istess rikorrenti;

»3. takkolji t-tieni risposta tal-intimat Tonna [li ma huwiex kontrdittur leġittimu];

»4. takkolji l-ewwel risposta tas-soċjetà intimata *Hera & Laida Limited* [li għandha tinħeles mill-ħarsien tal-ġudizzju għax ma hemm ebda rabta ġuridika bejnha u l-attur];

»5. tillibera ghalhekk lis-soċjetà intimata *Hera & Laida Limited* mill-osservanza tal-ġudizzju kif minnha mitlub;

»6. tiddikjara illi l-validità tal-konvenju datat il-11 ta' Ġunju 2013 bejn John Attard u *Sunsea Properties Limited* skada fl-14 ta' Diċembru 2005, jew f'data oħra li ma tmurx *oltre* l-31 ta' Diċembru 2005;

»7. tiddikjara li ċ-ċessjoni ta' obbligi u drittijiet magħmula fil-kuntratt tal-1 ta' Lulju 2004 bejn *Sunsea Properties Limited* u *Hera & Laida Limited* m'għandha l-ebda effett fil-liġi u ma toħloq ebda stat bejn John Attard u *Hera & Laida Limited*;

»8. tikkundanna lis-soċjetà *Sunsea Properties Limited* biex tirrifondi lir-rikorrenti John Attard is-somma ta' tlieta u għoxrin elf mitejn u tlieta u disgħin euro u tlieta u sebgħin ċenteżmu (€23,293.73), rappreżentanti dik is-somma mħallsa mir-rikorrenti bħala parti mill-prezz tal-akkwist mertu tal-konvenju tal-11 ta' Ġunju 2003, bl-ispejjeż u bl-imgħax mill-31 ta' Mejju 2006 sad-data tal-effettiv pagament kontra s-soċjetà intimata *Sunsea Properties Limited*.«

8. Ir-raġunijiet li wasslu lill-ewwel qorti għal din id-deċiżjoni, safejn relevanti għall-għanijiet ta' dan l-appell, ġew imfissra hekk fis-sentenza appellata:

»L-intimati attivi f'din il-proċedura isostnu li l-konvenju in diżamina indikat mir-rikorrenti skada fit-30 ta' Ġunju 2006, u dan a bażi tal-klawsola J1, li tgħid:

»"This promise of sale agreement shall remain valid and effective up to thirty months from the commencement date as stated in Clause C1".

»L-imsemmija klawsola C1 tistabbilixxi li:

»"The vendor's target dates for demolition and construction works on the site shall commence on the 15th [day of January 2004] and, save for *force majeure*, to continue with the uninterrupted and consistent construction and completion of the building on the site."

»Il-klawsoli fuq indikati jistgħu jagħtu interpretazzjonijiet kontrastanti fir-rigward tat-terminu ta' validità involut.

»… … …

»Fir-rigward tal-iskadenza *de quo* issir riferenza għax-xiehda ta' Etienne Grech – is-sensar li ffaċilita n-negozju bejn ir-rikorrenti u s-soċjetà intimata kontumaċi *Sunsea Properties Limited* – u jingħad … illi l-istess xhud kien prezenti waqt l-iffirmar tal-konvenju tal-11 ta' Ġunju 2003, jafferma li kien hemm qbil bejn il-partijiet li l-konvenju in diżamina kellu jiskadi fil-11 ta' Diċembru 2005.

»Paragunati l-versjoni tar-rikorrenti u dik tax-xhud indikat fil-paragrafu preċedenti, jirriżulta li l-versjoni tar-rikorrenti fir-rigward hi aktar versosimili minn dik tal-intimati.

»Għalhekk, tikkonsidra li t-terminu ta' validità tal-konvenju tal-11 ta' Ġunju 2003 kien sa mhux aktar tard mill-31 ta' Diċembru 2005, kif isostni l-istess rikorrenti. Konsegwentement l-ewwel talba tar-rikorrenti għandha tigi akkolta.

»Riżultat tal-iskadenza fuq riferita, u riżultat tal-fatt li ma ġiet intavolata l-ebda kawża *ai termini* tal-artiklu 1357 tal-Kodiċi Ċivili biex tobbliga lill-parti l-oħra tersaq għall-pubblikazzjoni tal-att finali, allura l-validità tal-konvenju spiċċat u l-partijiet hemm involuti reġgħu tpoġġew fil-posizzjoni li kienu fiha qabel ma kien ġie ffirmat l-istess konvenju.

»… … …

»Fir-rigward taċ-ċessjoni magħmula fil-konfront tas-soċjetà intimata *Hera & Laida Limited* jingħad … illi permezz ta' kuntratt in atti tan-Nutar Anthony Grech Trapani datat l-1 ta' Lulju 2004 is-soċjetà intimata *Sunsea Properties Limited* ċediet u assenjat lis-soċjetà intimata l-oħra *Hera & Laida Limited* id-drittijiet u l-obbligi naxxenti mill-konvenju mertu tal-proċedura odjerna.

»Jiġi immedjatament osservat li minn eżami akkurat tal-konvenju in diżamina ma jirriżultax li s-soċjetà *Sunsea Properties Limited* kienet hemm irriservat id-dritt li ċċedi u tassenja l-obbligi u d-drittijiet tagħha; *di più*, hu assodat fil-ġurisprudenza in diżamina li debitur tal-obbligu ma jistax iċedi u jassenja l-obbligi tiegħu mingħajr il-kunsens tal-kreditur tal-istess.

»Għalhekk għandu jkun paċifiku li ċessjoni hi permessa biss meta jkun hemm il-kunsens tal-kreditur. *Di più* jiġi sottolineat li meta l-intimat Tonna isostni … li s-soċjetà intimata *Hera & Laida Limited* kienet għarrfet lid-direttur biċ-ċessjoni *de quo* permezz ta' ittra uffiċjali datata d-9 ta' Marzu 2006, din l-istess ittra uffiċjali ntbagħtet meta l-konvenju in diżamina kien ilu li skada, tenut kont li dan il-konvenju kellu terminu ta' validità sal-31 ta' Diċembru 2005.

»*In vista* tas-suespost, iċ-ċessjoni in kwistjoni m'għandha l-ebda effett fil-konfront tar-rikorrenti.

»Konsegwentment … l-ewwel risposta tas-soċjetà *Hera & Laida Limited* għandha tiġi akkolta u għalhekk, l-istess soċjetà intimata għandha tiġi liberata mill-osservanza tal-ġudizzju *stante* li ġie issa assodat li ma hemm l-ebda relazzjoni ġuridika bejn din l-istess soċjetà u r-rikorrenti; konsegwentement ukoll għandha tiġi akkolta t-tieni talba tar-rikorrenti.

»Dwar it-talba tar-rikorrenti għar-rifusjoni tal-Lm10,000.00 (ekwivalenti għal €23,293.73), jingħad … illi skont il-klawsola D1 tal-konvenju tal-11 ta' Gunju 2003 il-prezz pattwit bejn il-partijiet kien ta' Lm100,000. Minn dan l-ammont il-kompratur (ir-rikorrenti Attard) ħallas lin-nutar l-ammont ta' għaxart elef Lira Maltin "… *to be kept for safe keeping until the full development permit is issued by MEPA* …" Id-depożitu *de quo* kellu sussegwentement jiġi rilaxxat favur il-venditur.

»Fix-xiehda tiegħu tal-14 t'April 2016 l-istess nutar involut xehed bil-mod segwenti:

> "… Ir-rikorrenti li kien il-klijent tagħna John Attard kien ħallas depożitu ta' għaxart elef Lira Maltin (Lm10,000), liema depożitu kellu jiġi rilaxxat mal-ħruġ tal-permessi relattivi. Id-depożitu in diżamina ġie rilaxxat fis-27 ta' Lulju 2004. Ġie rilaxxat lil wieħed mill-intimati, Marcus Tonna, għan-nom ta' *Sunsea Properties Limited*".

»Għandu jkun paċifiku, kemm mill-klawsola D1 fuq riferita u mix-xiehda hawn riprodotta, li d-depożitu in diżamina tħallas mir-rikorrenti lis-soċjetà intimata *Sunsea Properties Limited*.

»Konsegwentement id-dritt tar-rikorrenti għar-rifużjoni tad-depożitu minnu mħallas in akkont tal-prezz fil-konvenju in diżamina ġej mill-fatt li l-posizzjoni ġuridika rizultanti mill-assjem hawn analizzat hi dik ta' *status quo ante contractum*. La darba jirriżulta inkontrastat, kemm mill-konvenju tal-11 ta' Ġunju 2003 stess, u mix-xiehda prodotta, li s-soċjetà *Sunsea Properties Limited* irċeviet is-somma ta' Lm10,000 mingħad ir-rikorrenti Attard bħala parti mill-prezz tal-bejgħ taċ-ċens tal-proprjetà immobbli mertu tal-istess konvenju, allura t-tielet talba tar-rikorrenti għar-rifużjoni tal-istess ammont mis-soċjetà *Sunsea Properties Limited* – depożitata minnu in akkont tal-prezz tal-konvenju – għandha tiġi akkolta.

»… … …

»Fir-rigward tal-imgħax kif mitlub mir-rikorrenti jingħad … illi l-imgħax *de quo* għandu jibda jiddekorri skont l-artiklu 1141(2) tal-Kodiċi Ċivili, senjatament mid-data tas-"sejħa għall-ħlas b'att ġudizzjarju". Id-data li fiha saret l-imsemmija sejħa permezz t'att ġudizzjarju hi l-31 ta' Mejju 2006, id-data li fiha ġie ippreżentat ir-rikors ġuramentat promotur li ta bidu għall-proċedura odjerna.

»… … …

»*In vista* tal-premess din il-qorti hi sodisfatta li r-rikorrenti issodisfa *in parte* t-talbiet tiegħu … … …«

9. *Sunsea* appellat b'rikors tas-27 ta' Marzu 2017 u talbet illi din il-qorti tirriforma s-sentenza billi tħassarha fejn laqgħet l-ewwel tliet talbiet tal-attur u, minflok, tiċħad dawk it-talbiet ukoll. Għal dan ir-rikors wieġbet *H&L* fit-28 ta' April 2017. L-attur u l-konvenut Tonna ma weġbux.

10. L-appellanti ressqet tliet aggravji:

»1. illi l-ewwel qorti żbaljat meta kkunisdrat li l-kuntratt in kwistjoni kien jagħti lok għal dubbju u għalhekk minħabba dak li l-istess qorti sejħet nuqqas ta’ kjarezza għaddiet biex tilqa’ l-ewwel talba attriċi fil-konfront tal-appellanti;

»2. illi l-ewwel qorti żbaljat ukoll u kkaratterizzat ħażin il-kuntratt meta rriteniet fost l-oħrajn li ebda dejn ma jista’ jiġi trasferit jekk mhux bil-kunsens tal-kreditur, u dan għaliex effettivament is-sostituzzjoni ta’ akkwirent flok ieħor fil-kuntest ta’ konvenju hija transazzjoni [*sic*] legalment permissibbli u li f’dan il-każ sar validament;

»3. illi tenut kont l-aggravji l-oħra, l-esponenti qatt ma kellu jiġi kkundannat iħallas ebda somma lill-attur appellat.«

11. Kompliet tfisser l-ewwel aggravju hekk:

»L-ewwel qorti qieset illi l-konvenju jista jagħti “interpretazzjonijiet kontrastanti fir-rigward tat-terminu ta’ validità involut”. Minflok ma fliet u straħet fuq artikoli li … kienu pjuttost ċari, l-ewwel qorti … pparagunat “il-versjoni tar-rikorrenti u dik tax-xhud … (Etienne Grech), jirriżulta li l-versjoni tar-rikorrenti fir-rigward hi aktar verosimili minn dik tal-intimati; għallhekk, tikkonsidra li t-terminu ta’ validità tal-konvenju tal-11 ta’ Ġunju 2003 kien sa mhux aktar tard mill-31 ta’ Diċembru 2005, kif isostni l-isiess rikorrenti”.

»… l-esponenti jissottometti illi tali kostatazzjoni hija fattwalment żbaljata.

»Filwaqt illi l-attur appellat ma jirriżultax li xehed f’din il-kawża, ix-xiehda li saret referenza għaliha, *cioè* dik ta’ Etienne Grech, hija għal kollox irrilevanti.

»… huwa l-konvenju stess li huwa l-prova dwar l-iskadenza *o meno* tal-konvenju u dan b’konformità mal-prinċipju c*ontra scriptum non est argumentum*. Il-klawżola applikabbli hija l-JI li tistipola illi t-terminu kien sa żmien tletin xhar mill-ġurnata li fihom kienu sejrin jibdew ix-xogħlijiet skond klawsola CI, u *cioè* tletin xhar mill-15 ta’ Jannar 2004. Dan neċessarjament ifisser, għalhekk, illi d-data ekwivalenti għal tletin xhur mill-15 ta’ Jannar 2004 hija l-15 ta’ Lulju 2006.

»Dan jirriżulta ċar u tond minn qari tal-konvenju stess u ma jista’ jkun hemm ebda dubju jew ebda ekwivoku dwar dan, u lanqas ma hemm bżonn ebda interpretazzjoni jew ħtieġa ta’ xhieda. Id-dokument jit-kellem għalih innifsu.

»Din il-kawża ġiet intavolata fil-31 ta’ Mejju 2006, u għaldaqstant dakinhar il-konvenju kien għadu ħaj u viġenti. Jiġi sottomess bir-rispett illi għalhekk għandu jirrizulta ċar u ampju illi l-kawża saret intemp-estivament, u, b’referenza speċifika għall-ewwel talba, din ma tistax tintlaqa’ kif dedotta, *stante* illi ma jirrizultax illi l-konvenju skada bejn il-15 u l-31 ta’ Diċembru 2004.

»Huwa ċar għall-esponenti illi l-attur appellat żbalja meta indika dawn id-dati fl-ewwel talba tiegħu. Kif jirriżulta ċar mill-premessi tar-rikors maħluf, l-attur appellat erronjament jirreferi għall-klawżola D2 u applika 6 xhur għad-data hemm mnizzla (15 ta’ Ġunju 2005). Li ma ndunax l-attur appellat huwa li t-terminu mogħti f’dik il-klawżola ma huwiex għall-validità tal-konvenju, iżda kien it-terminu pattwit għall-

> ħlas, li huwa terminu għal kollox differenti u mhux marbut mal-ħajja tal-konvenju.
>
> »Għaldaqstant, l-esponenti jissottometti bir-rispett illi l-ewwel talba attriċi kellha tiġi miċħuda, bl-ispejjeż kontra tiegħu.«

12. Tgħid sew l-appellanti illi *ż*-żmien li għalih kellu jorbot il-konvenju għandu jirriżulta mill-kitba stess u mhux mix-xiehda ta' terzi. Il-pattijiet relevanti fil-konvenju huma dawn:

> »C1. The vendor's target dates for demolition and construction works on the site shall commence on the 15th day of January 2004 and, save for *force majeure*, to continue with the uninterrupted and consistent construction and completion of the building on the site.
>
> »D2. The parties agree that the balance of the purchase price … shall be paid by the purchaser on the date of the notarial deed of sale … to be dated 15th of June 2005 or at a later date which option is solely up to the vendor but up to and not later than 6 months of the same date (from 15th of June 2005).
>
> »J1. This promise of sale agreement shall remain valid and effective up to thirty months from the commencement date as stated in Clause C1.«

13. Tassew illi jidher li hemm konflitt bejn D2 u J1. J1 jagħti data ta' tletin xahar wara l-15 ta' Jannar 2004, li tiġi l-15 ta' Lulju 2006, waqt li D2 igħid illi l-kuntratt għandu jiġi pubblikat sa mhux aktar tard mill-15 ta' Diċembru 2005. Il-kawża tal-lum infetħet fil-31 ta' Mejju 2006. Għalhekk, jekk id-data tajba hija l-15 ta' Diċembru 2005 il-kawża nfetħet sew waqt illi jekk id-data t-tajba hija l-15 ta' Lulju 2006 il-kawża nfetħet qabel il-waqt.

14. B'applikazzjoni tal-prinċipju *ut magis res valeat quam pereat*, għandha tingħażel l-interpretazzjoni illi tagħti validità itwal għall-konvenju, *viz.* illi l-konvenju kien jorbot sal-15 ta' Lulju 2006, li jfisser illi l-kawża nfetħet intempestivament.

15. Bis-saħħa tal-*ius superveniens* iżda, dan ma jolqotx il-validità tal-kawża għax illum iż-żmien tal-validità tal-konvenju f'kull każ għalaq billi ma

tressqet ebda xhieda li turi li, sakemm kien għadu jorbot, xi waħda jew oħra mill-partijiet għamlet dak kollu li jrid l-art. 1357(2) tal-Kodiċi Ċivili biex l-effetti tal-wegħda jibqgħu fis-seħħ.

16. L-ewwel aggravju għalhekk sejjer jintlaqa'.

17. Ngħaddu għat-tieni aggravju li jgħid hekk:

> »L-ewwel qorti … żbaljat ukoll u kkaratterizzat ħażin il-kuntratt meta rriteniet fost l-oħrajn li ebda dejn ma jista' jiġi trasferit jekk mhux bil-kunsens tal-kreditur, u dan għaliex effettivament is-sostituzzjoni ta' akkwirent flok ieħor fil-kuntest ta' konvenju hija transazzjoni [*sic*] legalment permissibbli u li f'dan il-każ saret validament.
>
> »Fir-rigward tat-tieni talba, l-ewwel qorti rriteniet issegwenti:
>
> »a. fil-konvenju l-esponenti ma kenitx irriservat id-dritt li ċċedi d-drittijiet tagħha favur terzi;
>
> »b. iċ-ċessjoni ta' drittijiet teħtieg il-kunsens tal-kreditur;
>
> »ċ iċ-ċessjoni saret f'mument meta l-konvenju kien diġà skada.
>
> »… l-esponenti ma taqbel xejn ma' dawn il-konsiderazzjonijiet, u dan għar-raġunijiet li ser isegwu, li lkoll jirriżultaw mill-atti proċesswali.
>
> »Fir-rigward tal-iskadenza *o meno* tal-konvenju, l-esponenti tagħmel umli referenza għal dak diġà sottomess fl-ewwel aggravju. Fl-umli fehma tal-esponenti, huwa ċar u jirriżulta mid-dokument stess illi l-konvenju ma kienx skada meta ġiet intavolata din il-kawża, u għalhekk l-ewwel qorti ma kenitx korretta meta aċċennat li ċ-ċessjoni seħħet f'mument meta l-konvenju kien diġà skada.
>
> »Il-liġijiet applikabbli huma l-artikoli 1469-1471 tal-Kap.16 tal-Liġijiet ta' Malta:
>
> > »"**1469**. Iċ-ċessjċni jew bejgħ ta' kreditu, ta' jedd, jew ta' azzjoni hija perfetta, u l-proprjetà tagħhom tiġi akkwistata *ipso jure* miċċessjonarju. hekk kif isir il-ftehim fuq il-kreditu, fuq il-jedd jew fuq l- azzjoni u fuq il-prezz, u, barra minn meta ċ-ċessioni tkun ta' jeddijiet trasferibbli bii-kunsinna tai-titolu, hekk kif isir l-att taċ-ċessjoni.
> >
> > »"**1470**. (1) Iċ-ċessjoni ma tiswiex jekk ma ssirx bil-niiktub.
> >
> > »"(2) Iċ-ċessjoni ta' jeddiiiet ta' wirt, jew ta' krediti, ta' jeddijiet, jew azzjonijiet li ġejjin minn atti pubbliċi, ma tiswiex jekk ma ssirx b'att pubbliku.
> >
> > »"**1471**. Iċ-ċessjonarju ma jistax, kwantu għat-terzi, jeżerċita l-jeddijiet lilu ċeduti, ħlief wara li ċ-ċessjoni tkun ġiet imgħarrfa lid-debitur b'att ġudizzjarju, miċ-ċessjonarju nnifsu jew miċ-ċedent."
>
> »L-esponenti jissottometti bir-rispett illi jirriżulta mid-dok. B [kuntratt tal-1 ta' Lulju 2004] li ċ-ċessjoni ta' drittijiet saret permezz ta' att

notarili. Skond il-liġi, iċ-ċessjoni ssir malli jkun miftiehem il-kreditu u l-prezz, u hekk jirriżulta mill-istess dok. B. *Inoltre*, jirrizulta mid-dok. D [ittra ġudizzjarja tad-9 ta' Marzu 2006] li effettivament, u in sodisfazzjon tal-artikolu 1471, iċ-ċessjonarju, f'dan il-kaz is-soċjetà konvenuta *Hera & Laida*, għarrfet lid-debitur biċ-ċessjoni permezz tal-ittra uffiċjali tad-9 ta' Marzu 2006 … u dan ben qabel l-iskadenza tal-konvenju.

»Id-dritt ta' ċessjoni toħrog mil-liġi, kif diġà ċitat, u ċertament ma hux neċessarju li jiġi propost *verbatim* f'ebda ftehim.

»Kif jirriżulta mil-liġi, ġaladarba d-dettami tal-liġi bħala formalitajiet ġew osservati, l-effetti taċ-ċessjoni jagħmlu stat fil-konfront tal-attur.

»La mill-konvenju, u lanqas mil-liġi stess ma jirriżulta li l-esponenti kienet tirrikjedi l-permess tal-attur appellat biex tittrasferixxi l-interessi tagħha lil terzi sabiex tali trasferiment jagħmel stat fil-konfront tal-attur, u lanqas ma tirriżulta xi projbizzjoni f'dan is-sens. L-importanti naturalment hu li ċ-ċessjonarju ikun marbut bl-istess obbligi versu l-attur li kien marbut bihom iċ-ċessjonarju [*recte*, iċ-ċedent].

»L-esponenti ma jistax jifhem għalfejn l-ewwel qorti … għamlet emfasi li drittijiet ma jistgħux jigu ċeduti mingħajr il-kunsens tal-kreditur, meta kienet l-esponenti, u iżjed tard is-soċjetà konvenuta *Hera & Laida*, li kienet il-kreditur tal-attur appellat. Kien l-attur appellat li kellu jħallas, u mhux viċe versa.

»Għal dawn ir-raġunijiet l-esponenti jissottometti bir-rispett illi l-ewwel qorti kellha tiċħad ukoll it-tieni talba, bl-ispejjez kontra l-attur appellat.«

18. Bil-kemm hemm għalfejn ngħidu illi persuna tista' tassenja d-drittijiet tagħha iżda ma tistax teħles mill-obbligazzjonijiet billi tgħaddihom lil terzi. Li jinteressana hawnhekk mhux il-jedd tal-bejjigħ imwiegħed li jġiegħel lix-xerrej imwiegħed jersaq għall-kuntratt ta' bejgħ-u-xiri, li jista' jċedih lil terzi, iżda l-obbligazzjoni tal-bejjiegħ imwiegħed li jrodd id-depożitu mħallas akkont tal-prezz ta' bejgħ li ma jseħħx, li ma jistax jeħles minnha billi jċediha lil terzi. Dan huwa fundamentali u l-appellanti qiegħda tfittex li titfa' l-bżar fl-għajnejn billi tħallat ħaġa ma' oħra. Dawn il-"bravuri" jwasslu biss biex min jagħmilhom jeħel spejjeż addizzjonali taħt il-para. 10 tat-Tafiffa A mehmuża mal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili.

19. F'kull każ dan l-aggravju huwa irrelevanti billi l-appellanti talbet biss illi jiġu miċħuda l-ewwel tliet talbiet tal-attur, u mhux illi *H&L* tiġi kundannata

flokha jew *in solidum* magħha. Għalhekk, ukoll jekk huwa minnu li ċ-ċessjoni ta' drittijiet lil *H&L* fil-fatt ma hijiex nieqsa minn effetti legali safejn tolqot id-drittijiet (iżda mhux ukoll l-obbligazzjonijiet) tal-bejjiegħ imwiegħed, dan ma hu ta' ebda utilità għall-appellanti għax li hu relevanti għal din il-kawża ma huwiex iċ-ċessjoni ta' drittijiet iżda l-invalidità ta' ċessjoni ta' obbligazzjonijiet, bla ħsara għal kull jedd li l-appellanti jista' għandha kontra *H&L*.

20. It-tielet aggravju jgħid hekk:

> »L-esponenti ma setgħatx tillanja dwar kif l-ewwel qorti ddeċidiet l-ewwel żewġ talbiet mingħajr ma tressaq l-istess lanjanza anke fuq it-tielet talba, li … hija talba konsegwenzjali għall-ewwel tnejn.
>
> »Isegwi naturalment … li kemm-il darba l-azzjoni kienet intempestiva, u għaldaqstant il-konvenju kien għadu ħaj, ma hemmx lok ta' ordni biex l-esponenti tħallas ebda somma lill-attur appellat.
>
> »L-esponenti tissottometti bir-rispett ukoll li għandu jsegwi li diment li ċ-ċessjoni ta' drittijiet hija valida, u għaldaqstant isegwi li kull depożitu jkun ġie mgħoddi lis-soċjetà konvenuta *Hera & Laida Limited*, ma hemm ebda lok lanqas li jkun hemm xi kundanna biex l-esponenti teffettwa xi ħlas favur l-attur appellat.«

21. Ġà rajna illi bis-saħħa tal-*ius superveniens* il-fatt li meta nfetħet il-kawża l-konvenju kien għadu jorbot ma għandu ebda relevanza f'dan l-istadju Rajna wkoll illi l-obbligazzjoni tal-appellanti li trodd id-depożitu, konseg-wenza tal-fatt li d-depożitu tħallas akkont tal-prezz ta' bejgħ li ma seħħx – *causa data causa non secuta* – ma tistax tiġi ċeduta lil terzi. Għalhekk għamlet sew l-ewwel qorti illi kkundannat lill-konvenuta appellanti trodd id-depożitu lill-attur, flimkien mal-imgħaxijiet relattivi b'seħħ minn dakinhar li saret sejħa għall-ħlas b'att ġudizzjarju.

22. Għal dawn ir-raġunijiet il-qorti hekk tiddisponi mill-appell:

i. tirriforma s-sentenza appellata fejn laqgħet l-ewwel talba billi tgħid illi l-konvenju baqa' jorbot sal-15 ta' Lulju 2006;

ii. tirriformaha fejn laqgħet it-tieni talba billi tgħid biss illi ċ-ċessjoni magħmula bl-att pubbliku tal-1 ta' Lulju 2004 ma għandha ebda effett safejn tolqot l-obbligazzjoni tal-konvenuta appellanti li trodd id-depożitu lill-attur;

iii. tikkonfermaha fejn ordnat illi l-ispejjeż kollha jitħallsu mill-konvenuta appellanti;

iv. tikkonfermaha fil-bqija;

v. tordna li l-ispejjeż tal-appell tħallashom is-soċjetà appellanti; ukoll, wara li rat il-para. 10 tat-Tariffa A mehmuża mal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili, il-qorti tordna illi l-appellanti tħallas spejjeż addizzjonali ta' ħames mitt ewro (€500) lir-Reġistratur tal-Qrati.

| Mark Chetcuti<br>Prim Imħallef | Giannino Caruana Demajo<br>Imħallef | Anthony Ellul<br>Imħallef |
|---|---|---|

Deputat Reġistratur
rm